# *KUNSILL LOKALI MARSA*

**Tmien Legislatura**

*Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 15 ta' Frar 2017.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsill rċieva mill-Ministeru tal-Iżvillup Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima l-ammont ta' €22,500 li huma 75% tal-ammont totali ta' €30,000 għall-proġett ta' tħaddir fil-komunita'. Huwa fil-ħsieb tal-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin jinħareg tender sabiex dawn il-flus jintużaw bl-aħjar mod possibli. Madanakollu, il-Kunsill diġa beda juża dawn il-flus fejn l-eNGO Nature Trust ser tkun qed tħaddar iż-żona ta' Triq Ċentru Ewkaristiku.

## 4. *Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-15 ta'Frar sal-15 ta' Marzu 2017*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li matul dan il-perjodu ma kien hemmx korrispondenza li għandha tiġi mressqa fil-laqgħa tal-Kunsill.

## 5. *Schedule of Payments 3/17*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 6. *Purchase Order 4382-4406*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4382 sa 4406 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 3356-3382*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3356 sa 3382 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Financial Commitment Report October – December 2016*

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lis-Segretarju Ezekuttiv s-Sur Edward Spiteri Audibert jagħti rendikont finanzjarju tal-Kunsill għall-matul l-aħħar tlett xhur tas-sena 2016. Huwa spjega li matul dan il-perjodu l-Kunsill għamel gwadann marġinali ta' €738. Madanakollu, dan kien ferm aħjar mit-tnaqqis ta' €22,755 li kien stmat fil-Budget għall-istess perjodu. Dan huwa sinjal ċar li l-Kunsill qiegħed jonfoq il-flus tiegħu sewwa. Dawn il-figuri rriflettew tajjeb fuq l-andament finanzjarju tal-Kunsill għas-sena kollha fejn ġie rregistrat gwadann ta' aktar min

€60,000 li kien sostanzjalment aħjar mit-telf ta' €86,390 li ġie rregistrat matul it-tnax-il xahar tas-sena 2015. Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju, filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

## 9. *Deċiżjoni fuq Tender – Proposed Fountain and underlying reservoire in Triq Isouard/Triq Qormi*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono elenka l-kumpaniji kollha li ssottomettew l-offerti tagħhom għat-tender li ħareġ il-Kunsill għaż-żona ta' fejn hemm Triq Isouard ma Qormi Road. Huwa semma l-kumpaniji individwalment flimkien mal-ammont ta' flus li dawn qegħdin jitolbu sabiex jitlesta x-xogħol, eskluż il-VAT. Dawn il-kumpaniji huwa l-Karmig Trading Ltd €56,802.17, Denfar Excavators Ltd €60,443.07, Road Maintenance Services Limited €69,042.49, Progressive Solutions Limited €123,497.33 u finalment SBG Holdings Limited €139,489.88. Is-Sindku rrimarka li fil-jiem li ġejjin ser tkompli tissokta l-evalwazzjoni ta' dawn l-offerti mill-Perit flimkien mall-Bord Tal-Evalwazzjoni hekk kif il-Kunsill huwa kommess li jagħzel l-orħos prezz. Sadanittant, jekk il-Bord flimkien mal-Perit isibu li hemm xi nuqqasijiet tekniċi jew dak li hu mitlub mhux milħuq fil-kriterji kollha tiegħu, l-Kunsill ikun kostrett li dan it-Tender jerġa joħroġ jekk ikun hemm il-ħtieġa li jsir dan. Wara li jitlesta din l-evalwazzjoni l-Kunsill ser ikun qed japplika għall-fondi tal-UIF sabiex dan il-proġett jiġi ffinanzjat min dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel unanimament ma din id-deċizjoni filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda.

## 10. *Bdil ta' Bankina fi Triq Patri Magri*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li hemm bżonn li jkun hemm bdil ta' bankina quddiem Blokk L u Blokk N fi Triq Patri Magri fejn qiegħed iżomm ilma fl-entratura ta' dawn iż-żewg postijiet. Il-vot kien unanimu filwaqt li s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

## 11. *Tindif intensiv fi Triq Belt il-Ħażna u l-Moll tal-Pont*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li kien hemm ammont sostanzjali ta' skart illegali fiż-zona ta' Triq Belt il-Ħazna u l-Moll tal-Pont fejn ir-regatta. Il-Kunsill qiegħed inaddaf dawn il-postijiet bi spejjez addizzjonali u meta jitlesta Triq Belt il-Ħazna l-Kunsill ser inaddaf l-Moll tal-Pont. Il-vot favur kien unanimu, is-Sur Domenic Spencer isskonda.

## 12. *Servizz addizzjonali ta' knis*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ipproppona li min April li ġej jiżdied il-knis fil-lokalita' għall-tlett sigħat wara nofsinhar li tista' tkun iffinanzjata bis-somma addizjonali ta' €10,000 li l-Kunsill ingħata fl-allokazzjoni finanzjarja għal din is-sena. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

iżda l-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill li mhux f'postu li jitħallew il-kenniesa jikinsu fl-istess triq flimkien. Għaldaqstant issuggerixxa biex ninfurmaw lill-kumapnija biex itejbu s-servizz kif ukoll kemm jista jkun jinfirdu waqt ir-rutina ta' filgħodu fejn ikun possibli. Il-vot kien unanimu, filwaqt li s-Sur Josef Azzopardi ssekonda.

## 13. ***Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika ta' Ġnien Spencer***

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li daħal ilment dwar il-latrina pubblika ta' Ġnien Spencer, fejn il-persuna qed jilmenta li hemm xi ħsaraq fis-saqaf tal-latrina. Peres li l-manutenzjoni ta' din il-latrina taqgħa taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill, huwa importanti li jekk ikun hemm xi ħsara din tiġi msewwija. Il-vot favur kien unanimu, il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda.

## 14. ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera***

14.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi rċieva ilment fi Triq il-Qaddiefa fejn għadhom kif isiru sinjali sofor biex karozzi ma jipparkjawx quddiem il-garaxxijiet, iżda bi żball il-ħaddiema tal-MSD għamlu l-linji sofor fit-triq kollha. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li jaf biha u ser jiġu nfurmati l-MSD sabiex il-parkings bays jiġu immarkati mill-ġdid.

14.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa dwar il-possibilita' li fi Triq Santa Rita ma Marsa Road issir pjanċa f'nofs il-U shaped bollard. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li din m'għandiex tkun problema biex issir.

## 15. ***Aġġornament tal-Laqgħa***

15.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 5 t'April 2017 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00 pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

5 ta' April 2017